MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016 fil-11:00 a.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-28 ta' Marzu 2016
Nru 18

## Aġenda

1. Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta b'urgenza nru 18, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016, fil-11:00 a.m.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Viċi-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**18/01** **Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd**

18/01/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul waqt seduti precedenti, l-Kunsill Lokali kien ha hsieb illi jaghmel marki godda fi Triq Xatt is-Sajjieda bil-ghan illi tigi ratifikata sitwazzjoni mhix konforma mal-ligi u li kienet tikkoncerna ipparkjar ta' vetturi ta' bejjiegha tas-Suq fil-berah li kien jopera nhar ta' Hadd mil-lokalita'. Is-Sur Gauci zied jghid illi dwar il-materja, il-Kunsill Lokali kien informa lil Transport Malta bil-passi li kienu ittiehdu u kien gie mitlub jattendi ghal laqgha li ghaliha kienu prezenti rapprezentanti tal-istess Transport Malta u l-Ministru ghat-Trasport u Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi. Huwa imbaghad ghadda sabiex jistieden lis-Segretarju Ezekuttiv, li kien prezenti f'isem il-Kunsill Lokali ghall-imsemmija laqgha sabiex jaghti rendikont ta' dak li kien intqal.

18/01/02 Is-Segretarju Ezekuttiv min-naha tieghu, informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie mistieden jaghti stampa cara tas-sitwazzjoni kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha kienu gew diskussi diversi temi relatati mal-pozizzjoni li kien ha l-Kunsill Lokali u sahaq illi kien ghamilha cara illi l-Kunsill Lokali kien ha azzjoni sabiex jirratifika sitwazzjoni li ma kenitx koperta b'permessi legali.

18/01/03 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi filwaqt li ma kellu ebda dubju illi l-Kunsill Lokali kien ha l-ahjar azzjoni possibbli fic-cirkostanzi u kien ta' dimostrazzjoni li kien lest illi jiffacjja l-problemi, ma kienx kuntent ghall-fatt li kienet waslitlu informazzjoni illi xi whud mill-bejjiegha tas-suq fil-berah kienu qieghdin jikkunsidraw jiehdu azzjoni

legali fil-konfront tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Zerafa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu azzjoni legali fil-konfront tal-Kunsill Lokali ma kenitx xierqa meta l-istess Kunsill Lokali kien ha azzjoni sabiex inehhi illegalita'.

18/01/04 Is-Sa. Janice Chetcuti u s-Sur Steven Grech filwaqt li qalu li kienu jaqblu ma dak li kien intqal, ziedu jghidu illi fl-opinjoni taghhom, il-Kunsill Lokali kellu jibqa' jzomm il-pozizzjoni tieghu. Wara diskussjoni libera is-Sur Horace Gauci ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jaqbel illi l-parkegg tal-vetturi tal-bejiegha tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd jibqa' *parallel* mal-bankina sabiex ikun konformi mal-ligi u kemm il-darba ttressaq proposta ghal xi skema ta' parkegg temporanju, il-Kunsill Lokali joggezzjona. Kelli jigi kkonsultat il-Kunsill Lokali kollu kemm il-darba tintalab gustifikazzjoni ghad-decizjoni. Filwaqt li ssekonda l-proposta tas-Sur Horace Gauci, il-Kunsillier Sur Daniel Zerafa talab illi jigu rregistrati l-voti li kienu kif gej:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Gauci | Favur |
| Is-Sur Steven Grech | Favur |
| Is-Sur Daniel Zerafa | Favur |
| Is-Sa. Janice Chetcuti | Favur |
| Is-Sur Stephen Caruana | Kontra |

Is-Seduta ntemmet fil-11:45 a.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/4/16